MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Numru. 872/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**VS**
**OMISSIS IMPUTAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis Imputat ta’ omissis, iben omissis, imwieled omissis, nhar omissis, residenti omissis u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru omissis;

Illi hu akkuzat talli gewwa Tas-Sliema u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, f’Lulju 2008 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda;

a. B'ghemil zieni korrompa persuna taht l-eta' u cioe lil Omissis minuri, minuri ta' omissis sena;

b. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe mal-imsemmija Omissis minuri;

c. Offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol 3) u dak ta' l-imputat (a fol 7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi il-genituri ta'Omissis minuri kienu ghamlu rapport fl-ghassa tal-Imsida fit-12 t'Awwisu 2008 fis-sens li l-imputat Omissis Imputat kellu relazzjoni ma Omissis minuri ta' omissis sena, waqt li f'ghassa ta' tas-Sliema , Omissis Imputat kien irraporta li missier Omissis minuri kien heddu b'arma tan-nar.

Spettur Keith Arnaud xhed illi l-Pulizija kienet wettqet it-tfittxija ghal Omissis missier minuri u ma nstaghbet ebda arma tan-nar fil-pussess tieghu. L-ufficjal prosekutur kien kellem ukoll lil Omissis minuri ta' omissis sena kienet infurmatu illi omissis imputat kellu x'jaqsam maghha sesswalment u hi ma waqfitux. Il-minuri infurmat lill-Ispettur Arnaud illi ir-relazzjoni bejna u bejn imputat kienet waqfet f'Novembru u hi bdiet tohrog ma certu Omissis ex boyfriend. In segwitu kien hemm glieda bejn Omissis Imputat u Omissis ex boyfriend li ftit wara regghet bdiet tohrog ma omissis imputat u tkoplew l-attivitajiet sesswali bejniethom.

Omissis minuri infurmat lill ufficjal prosekutur illi **relazzjonijiet initimi kienu dejjem konsenswali.** L-ufficjal prosekutur xhed li huwa kien interroga lill-imputat Omissis Imputat, li minn naha tieghu irelaxxa stqarrija DOK KA u l-istqarrija ulterjuri DOK KA1 illi fihom omissis imputat ikkonferma dak kollu illi kienet qalet Omissis minuri lil Pulizija.

Spettur Arnaud xhed a fol. 14, illi meta kellem lil Omissis minuri l-ewwel darba induna li kienet qeda thossha skomda u ghaldaqstant talab lill-ommha tohrog u din tat il-kunsens taghha sabiex tkompli tkellimha WPC 139. Spettur Arnaud xhed illi l-ewwel esperjenza sesswali saret fuq il- blat ta' *Qui Si Sana*. Spettur Arnaud xhed illi ommha kienet indunat bir-relazzjoni ta' bintha ma omissis imputat u ma kellhiex pjacir bih.

Fl-istqarrija tal-imputat huwa afferma li kien sar jaf lil minuri fejn ix-*Chalet* ta' tas-Sliema u kienu iltaqghu xi ftit, imbaghad sar jaf li l-genituri ta' minuri ma kellhomx pjacir bih u qata' relazzjoni. Ftit wara regghu bdew johorgu flimkien u kellu x'jaqsam maghha xi erba' darbiet fuq il-blat tas-Sliema, hdejn ic-*Chalet,* u dan bil-buona volonta tat-tnejn. Fit-tieni okkazzjoni l-ohra kienu marru fi *flat* ta' habib tieghu il-Gzira, it-tielet okkazzjoni sehhet fuq ir-ramel il-Balluta u kien hemm okkazzjoni ohra illi grat fid-dar tal-habiba tal-minuri omissis.

In segwitu ta' dan kienet cemplet omm minuri biex omissis imputat ma jersaqx lejn bintha. Huwa xhed illi kien cempillu missier minuri u kien heddu li ser "ihassru" ( a fol. 21).

Fit-tieni stqarrija tieghu ikkonferma li qatt ma kien hemm drogi fil-grupp tal-hbieb tieghu , illi kien jaf illi omissis minuri kienet harget ma guvni iehor f'Settembru 2007 . Huwa stqarr illi huwa qatt ma iffitta lil omissis minuri biex ikollu x'jaqsam maghha anzi kienet hi li kienet titolbu s-sess u kienet titolbu " biex naghmillha *baby* " (a fol. 24)

Is-Surgent David Sant a fol. 25 et. seq, ikkonferma ir-rapport illi sar mill-genituri ta’ Omissis minuri rigward l-imputat u ezebixxa l-okkorenza DOK PS a fol 27 et. seq.

Omm minuri omissis a fol 31 et. seq, ikkonfermat ir-rapport illi ghamlet mal-Pulizija rigward bintha u relazzjoni illi hija kellha ma minuri imputat. Hija xhedet illi kienet diga widdbet lill-imputat biex ma jkellimx lil bintha u saret taf illi regghu issuktaw fir-relazzjoni taghhom.

Omissis omm ikkonfermat ili hija saret taf rigward ir-relazzjoni sesswali biss meta ghamlet ir-rapport il-Pulizija. Hija kkonfermat illi bintha f’ebda hin ma qalet li giet sfurzata biex taghmel dak li ghamlet. Omissis omm kompliet tixhed ili hija ghamlet hiltha sabiex twaqqaf din ir-relazzjoni bejn omissis imputat u bintha li dak iz-zmien kellha biss omissis sena. Sahhansitra kienet tellghet lil bintha Ghawdex ghal xahar. Omissis omm illi bintha fil fatt kienet tibza mill-imputat ghaliex kellhu reputazzjoni ta’ *bully* u li kien tal-glied.

Omissis missier minuri a fol. 42 et seq, xhed illi hu sar jaf illi bintu ta’ omissis sena kienet qeda tohrog ma xi hadd mill-Gzira. Ikkonfronta lil bintu u hi qaltlu li hi u omissis imputat kienu biss hbieb. Illi ftit wara beda jinduna li bintu sejra hazin fl-iskola u sar jaf illi din kellha relazzjoni ma’ omissis imputat. Wasal ghal konkluzzjoni, minhabba dak li sema’ fuq omissis imputat, illi bintu kienet qedgha tigi mhedda minnu. Huwa xhed illi huwa kien irrinfacca lil bintu li qaltlu bir-relazzjoni li kellha ma omissis imputat, u li l-ewwel darba li sehhew ir-relazzjonijiet intimi, hija kienet qaditlu ghax bezghet. Omissis missier minuri ikkonferma il-kwerela.

Ramona Cushieri *Youth Worker* mal-Agenzija Appogg a fol. 49 et. seq , ikkonfermat il-hidma illi hija ma Omissis minuri li kienet ta’ karattru introvert u pjuttost bezghana . Hija xhedet illi haddmu fuq *issues* ta’ *Self Esteem*.

Spettur Keith Arnaud ezebixxa certifikat tat-twelid ta’Omissis minuri DOK XKA ( vide fol. 54 u 55)

Omissis minuri a fol. 56 et. seq, ikkonfermat illi hija bdiet tohrog ma Omissis Imputat minkejja l-oppozizzjoni ripetuta tal-genituri taghha u dan ghal xi tlett (3) gimghat. Ikkonfermat illi omissis imputat kien hadha hdejn *Tigne Park* fuq il-blat u minn hemmekk beda imissha b'mod intimu. Hija ipprovat tirrezizti billi gabitlu skuza li ma kellux *condom* u dan fetah il-*wallet* u hareg wahda. Illi wara dan hija qaghdet ghal dak kollu li xtaq jaghmel hu. Hija xhedet illi kienet nervuza u kienet tibza' naqra minnu pero f'ebda hin ma qaltlu le jew irreziztitu. **A fol 61 fuq mistoqsiji ripetuti tal-Qorti, omissis minuri baqghet issostni li omissis imputat ma kienx aggressiv ma sforzha f'ebda hin.**

**Hija xhedet illi wara din l-ewwel okkazzjoni hija kellha relazzjoni ma' omissis imputat diversi drabi cioe xi tmien (8) darbiet**. Illi f'Dicembru ta' 2007 kienu hassru, u regghu issuktaw bir-relazzjoni taghhom f'Marzu u kienu jiltaqghu **kwasi kuljum u jkollhom relazzjoni sesswali b'mod regolari**.

Omissis minuri ikkonfermat illi gieli harget ma guvintur ohra qabel l-imputat Omissis imputat **hija qatt ma kellha relazzjoni intima ghajr ghal Omissis imputat.** Ikkonfermat li Omissis imputat kien tip ta' *tough guy* u kellu atitudni ta' *machismo* .

In kontro ezami Omissis minuri ikkonfermat li kellha *account* ma Hi5 fejn kienet indikata bl-isem omissis. Ikkonfermat DOK FC 13, FC1 u FC2. hija kkonfermat li wara l-ewwel esperjenza sesswali **rat *discharge* ahmar**. Ikkonfermat il-postijiet li hija kellha x'taqsam mal-imputat. Ikkonfermat ukoll FC11, FC3, FC4, , FC5 , FC6, FC7, FC8 u FC 9 , l-kummenti hemmhekk indikati u xhedet li kienet hadet dawn ir-ritratti mal-habiba taghha waqt li kienu qeghdin jistennew f'*Bus Stop*.

Hija xhedet illi ommha kienet skopriet bir-relazzjoni fl-ahhar t'Awwissu u missierha kien skopra ftit wara. Hija xhedet illi Omissis imputat kien alilha li jekk jiskopru il-genituri taghha bir-relazzjoni ta' bejniethom, il-genituri

taghha kienu ser jisfaw il-habs. Pero jekk kemm il-dabra kien ser jigri dan ma kienux ser jehilsuha hafif.

A fol. 95 Omissis minuri identifikat lill-imputat.

Omissis ex boyfriend a fol 129 xhed illi kien ra lil minuri u lil Omissis imputat jinnamraw u jitbewsu u ra "***inappropriate touching*" ( vide fol 130) fuq il-promenade ta' Tas-Slie**ma . Huwa xhed illi Xuereb **kienet dehret konfusa**. Ikkonferma li hadd ma heddu jew bezzghu b'xi mod . F'okkazjoni minnhom omissis ex boyfriend xhed illi ra lil omissis minuri timbotta lil Omissis imputat ghax **dan kien ta daqqa fuq il-warrani taghha quddiem in-nies**. Huwa xhed ukoll illi kienet qed titratta mieghu (ma omissis ex boyfriend) hazin ukoll billi kienet qed tkellmu hazin kull darba li kien qed jipprova jkellimha.

Omissis ex boyfriend gie dikjarat bhala xhud ostili u giet ezebita l-istqarrija tieghu DOK AK mill-Ispettur Arnaud.

Omissis ex boyfriend a fol. 118 et seq, ikkonferma l-istqarrija tieghu DOK AK, xhed illi **Omissis imputat kien ipoggi idu vicin hafna mal-parti privata ta' omissis minuri** u dan quddiem shabhom kollha. **Huwa xhed illi kien ra lil Omissis imputat imiss sider omissis minuri waqt illi dawn kienu jinnamraw fuq il-blat.**

Omissis ex boyfriend huwa kkonferma li ghamel l-istqarrija DOK AK pero ma ftakarx illi l-istqarrija giet Moqrija lilu. Huwa xehed li meta ghamel l-istqarrija kien irrabjat hafna u dan ghaliex Omissis minuri kienet hassret minn mieghu u regghet bdiet tohrog ma' Omissis imputat, u ukoll kien irrabjat il-ghaliex Omissis imputat ma kienx qieghed jitrattaha sew.

Omissis ex boyfriend a fol. 147 xhed illi kien sar jaf li Omissis minuri xi sentejn, u kien ghamel zmien qasir johrog maghha.

Ikkonferma li Omissis minuri kienet harget mal-imputat, kkonferma li rahom jitbewsu u jitghanqu u rahom " *on top of each other* " ( a fol 150)

l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Omissis omm minuri a fol. 160 ikkonfermat li bintha omissis minuri kienet baqghet fir-relazzjoni mal-imputat li kienet thobbu hafna u li kellha tarbija minnu.

Omissis missier minuri talab lill-Qorti takkoda piena alternattiva ghal din kancerarja fic-cirkustanza, sabiex l-imputat ma jidhirx martri f'ghajnejn Omissis minuri.

Omissis missier minuri a fol 162, xhed li bintu kienet welldet tarbija mill-imputat, liema tarbija kellha xahar u nofs. Huwa stqarr illi bintu kienet emozzjonalment migbuda hafna lejn l-imputat.

Ikkonsidrat

l-imputat jinsab mixli taht l-Artikolu 209 tal-Kap 9 , cioe korruzzjoni ta'minorenni, taht l-Artikolu 204 C ta' partecipazzjoni f'attivita sesswali ma persuni taht l-eta u reat tal-Artikolu 209 cioe offiza kontra id-dicenza jew il-morali b'eghmil li jsir f'post pubbliku.

L-imputat jinsab akkuzat taht Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta li jipprovdi :

***203 (1) Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:***

***Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:***

***(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;***
***(b) jekk id-*****delitt** ***isir b'theddid jew b'qerq;***

***(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.***

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin tat hafna pronunzjamenti dwar dak illi huwa “atti di libidini” jew “lewd acts”, illi pero’, fil-fehma ta’ din il-Qorti, is-sentenza tal-Qorti tal-Kriminali fil-kaz Pulizija vs Wiffen hija dik l-aktar saljenti.

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta’ Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano kkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le ciromissis imputatnze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza"***
***(Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***

Illi l-istess sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tghaddi biex tezamina mbaghad l-element ta’ korruzzjoni attwali tal-istess minuri u tghid is-segwenti:

***‘As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with***

***any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Illi bla dubbju ta' xejn il-mess tal-partijiet privati, tas-sider, u il-kongungiment karnali ma tifla ta' omissis sena jiklassifikaw ampiament f'atti di libini jew *lewd acts* fis-sens fuq spjegat.

Omissis minuri kienet ghadha ta' omissis sena meta sehhew dawn l-atti u kienet ghadha vergni. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta'Omissis minuri u ta' Omissis ex boyfriend ma min kienet fethet qalbha il-minuri, izda jirrizulta b'mod lampanti mill-istqarrija tal-imoputa:

"**Imma meta kelli x'naqsam maghha, indunajt li fil-fatt kienet ghadha vergni"** (vide fol.20).

Dawn l-atti kienu kapaci li jikorrompu tifla ta` omissis sena u fil-fatt hekk ghamlu kif jidher mill-mod illi kienet konfuza, imhassba u bezghana omissis minuri wara li graw dawn l-avvenimenti (ara xhieda ta omissis ex boyfriend). Illi di piu l-imputat stess jirrimarka fl-istqarrija tieghu illi wara l-att sesswali omissis minuri deheret imhassba immens (vide fol. 20).

Illi, mehud in konsiderazzjoni l-eta zghira ta' omissis minuri il-fatt li kienet vergni, il-fatt li omissis minuri kienet tifla timida u dghajfa u ma kinitx taf tasserixxi ruhha u tiqaflu, iwassal ghal Qorti illi qeda tiklassifika l-atti sesswali bhala *lewd act* taht l-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta'Malta u mhux taht ir-reat ta'partecipazzjoni f'attivita sesswali ma persuna taht l-eta li fil-fehma ta' din il-Qorti japplika aktar f'kazijiet fejn ic-cirkostanzi ikunu dwar minuri ta' bejn omissis sena li jkollha certu esperjenza f'attivitajiet sesswali. Il-kaz odjern juru b'mod car illi dan dawn ic-cirkustanzi ma jirrezalux.

Il-Qorti sejra tezamina it-tielet akkuza cioe din taht 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

L-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta jirritieni :

**" Whosoever, except in the cases referred to in the preceding articles of this sub-title or in any other provision of law, shall commit an offence against decency or morals, by any act committed in a public place or in a place exposed to the public, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding three months and to a fine (*multa*)."**

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta inkontestat illi l-atti di libidini inkkluz il-kongungiment karnali sar fuq il-blat hdejn ix-*Chalet* ta' tas-Sliema. Dan jirrizulta ipprovat mhux biss mix-xhieda ta'Omissis minuri izda ukoll mix-xhieda ta'Omissis ex boyfriend apparti li huwa pienament ammess mill-imputat stess fit-tieni pagna tal-istqarrija tieghu DOK KA.

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti issib l-imputat hati tal-ewwel u tielet akkuza mhux hati tat-tieni akkuza li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u wara li rat Artikoli 203, 209, 28A tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal sentejn (2) pruginerija sospizi ghall –erba'(4) snin.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa netta tal-imputat, l-eta giovanili tieghu, l-eta zghira tal-minuri Omissis minuri u it-talba da parti tal-genituri li l-imputat ma jinghatax piena karcerarja effettiva.

Il-Qorti spjegat is-sinjifikat u l-konsegwenzi ta' sentenza sospiza lill-imputat fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------